MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2004

Avviz Numru. 576/2003

Pater Finance Co. Ltd.

**vs**

**Q Entertainment Productions Limited**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talbiet tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elf, tmien mija u erbgha u ghoxrin lira Maltin (LM 1824) rappresentanti import ta' ghaxar (10) kambjali, wahda ta' LM24 (bilanc) u disgha ta' LM200 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Frar 2003 sa Novembru 2003 rispettivament u mhux imhallsa, hawn annessi bhala dokumenti numri minn 1 sa 10 konsekuttivament u inklusivament;

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sas-16 ta' Novembru 2003 jammontaw ghal LM 65, oltre l-imghax

ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes, kontra s-socjeta' konvenuta li r-rapprezentanti guridici taghha huma ingunti minn issa ghas-subizzjoni;

Rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex s-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fis-7 ta' Mejju, 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici bl-imghax kif mitlub u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------